**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 73 – IT-TNEJN, 5 TA’ SETTEMBRU 2016 FIS-5.50PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| | |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Assenti

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 71**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Approvazzjoni Minuti Numru 72**

2.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Punti mtella mill-Minuti 71**

3.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq punti numru:

4.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li kemm hemm ammont eċċessiv ta‘ skart, u dan kien fil-periferija tas-Swieqi. Għalhekk dan ma nġabarx.

5.2 Ġie innutat li kien hemm rapporti fil-media li s-Surperintendent of Cultural Heritage ddikjara li din il-Pillbox m’għandhiex valur storiku. Il-Kunsill ma qabilx ma‘ din u saret oġġezzjoni lil PA fuq din l-applikazzjoni.

6.1.5 Ġie innutat li għad hemm ħsarat minn meta saru xi toroq. Dawn jinkludu bollards fi Triq l-Istefanotis u r-roundabout fi Triq il-Mensija. Għandhom jintbagħtu reminder fuq dawn.

6.1.7 Għandha ssir talba għal-laqgħa lis-Segretarju Parlamentari rigward il-bookings ta‘ wardens TMS mill-uffiċċju tal-Kunsill

3.2 Is-Sinjura Marica Bayliss tkellmet fuq punti numru:

2.1 Għandha tintbagħat reminder lil BAG biex issir site visit biex jiġu stabbiliti siti fejn jistgħu jsiru bicycle stands madwar San Ġwann. Il-KAC ikkonfermaw li għanda ssir ukoll waħda fil-Kappara. Din għandha ssir mal-gnien G M Camilleri.

5.4 Saret l-applikazzjoni għal charging point biex issir fil-Kappara.

5.6 Ġiet ikkonfermata li għandhom isiru 4 siti fejn isiru l-bring in għal ħwejjeġ użati. Dawn is-siti għandhom ikunu fiċ-Ċentru, f'Ta‘ Żwejt, fil-Kappara u fil-Mensija.

6.2.1 Ġiet approvata li għandha isir it-tiswija fuq il-bieb tal-public convenience għal dawk bi bżonnijiet speċjali.

6.2.3 Tqegħdet kopja, fuq CD, tal-ktieb li għandu jiġi ppubblikat mill-Kunsill. Għandhom jinġabru stimi mill-publishers biex dan jiġi stampat.

**4 Punti mtella mill-Minuti 72**

4.1 Ma kienx hemm punti mtella

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jkun hemm sospensjoni tal-agenda u jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**5 Pagamenti Numru 63**

5.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm li għandha tintalab breakdown tal-kont numru 26.

**6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

6.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li nxtara air conditioner għal-librerija tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

6.2 Ġie innutat li Nextbike għandhom jibdew joperaw l-4 stations tagħhom sal-aħħar ta’ Ottubru. Il-Kunsill reġa’ kkonferma dawn is-siti.

Is-Sur Trevor Fenech skuża ruħu mil-laqgħa fis-6.50pm.

6.3 Ġiet diskussa draft ta’ policy li għandu jiġi addotat meta jkun hemm talba biex titneħħa siġra minn postijiet pubbliċi. Din id-draft għandha tintbagħat lill-Kunsilliera u tiġi kkonfermata fil-laqgħa li jmiss.

6.4 Kien hemm diskussjoni rigward proposta biex biċċa art fi Triq Ta’ Żwejt isir santwarju għall-Animal Protectors Malta. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li ssir it-talba formali għad-devoluzzjoni ta’ din l-art. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

6.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed indispost bejn it-31 ta’ Ottubru u t-23 ta’ Diċembru 2016 minħabba li ser ikun inpatient f’dan il-perjodu għar-raġunijiet ta’ saħħa. Kien hemm qbil li jiġi maħtur Deputat Segretarju Eżekuttiv għal dan il-perjodu.

6.6 Kien hemm diskussjoni rigward it-tender għal Urban Greening. Ġie deċiż li jinħatar Bord għal evalwazzjoni. Dan ser jikkonsisti mis-Sinjuri Etienne Bonello Du Puis, Marica Bayliss, Dominic Cassar, Janika Baldacchino u Kurt Guillaumier.

6.7 Is-Sindku tkellem rigward miżuri li l-Kunsill qed jieħu favur l-annimali fil-lokal. Hu tkellem ukoll rigward il-possibbiltà li ssir vaska fejn ikun hemm ħut koi. Din tkun attrazzjoni oħra fil-lokal. Is-sit għal din tkun is-soft area bejn Triq Konti Theuma Kastelletti u Vjal ir-Riħan. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. Għandu jitqabbad il-Perit tal-Kunsill biex issir il-pjanta kif ukoll l-BOQ.

## 7 Korrispondenza

.

7.1 Kien hemm talba għal U bollard Advertisement fi Triq l-Istefanotis kantuniera ma' Triq il-Mensija. Kien hemm qbil li din tiġi aċċettata skont il-bye-law tal-Kunsill.

7.2 Ġiet innutata Ċirkolari 17/2016, rigward attendenza mill-membri tal-Kunsill għal-laqgħat tal-Kunsill.

7.3 Ġiet innuata Ċirkolari 16/2016 fejn il-Kunsill għandu jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil fuq dan.

7.4 Kien hemm diskussjoni rigward talba mill-NGO Animal Guardians biex issir BBQ fil-picnic area ta' Wied Għomor. Kien hemm qbil li dan isir flimkien mal-Kunsill. Għal din l-attività, il-Kunsill għandu jipprovdi żewġ mobile toilets għal ġurnata. Din l-attività għandha ssir fit-23 ta' Settembru 2016.

7.5 Ġiet innutata li s-smiegħ għall-appell fil-Qorti rigward it-tender għal ġbir ta' skart domestiku ser ikun fis-26 ta' Settembru 2016.

## 8 Affarjiet Oħra

8.1 Is-Sinjura Joan Farrugia nfurmat lill-Kunsill li rċevejna l-commitment letter għall-iskema ta' finanzjarament ta' kotba għal-librerija pubblika. Għandu jinxtara b'1000 Ewro kotba.

8.2 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq:

8.2.1 siġar li qegħdin ħerġin fuq il-bankina mill-iskejjel fi Triq l-Iskola u Vjal ir-Riħan. Għandha tinkiteb ittra lill-iskejjel biex dawn jinqatgħu.

8.2.2 talba biex issir barrier fl-aħħar parti ta' Triq Caruana Dingli. Kien hemm qbil li din ma ssirx peress li hemm arblu u għalhekk mhux possibbli li karozzi jitilgħu fuq il-bankina.

8.2.3 Kien hemm qbil li jitwaħħlu tabelli tal-hedgehog fi Sqaq Qasbi.

Is-Sur Neville Mallia skuża ruġu mil-laqgha fis-7.20pm.

8.2.4 Kien hemm qbil li tiġi rranġata l-bankina fi Triq San Ġwann tal-Għorgħar kantuniera ma' Triq in-Naxxar.

8.2.5 Għandu jsir kuntatt ma' GreenPak biex dawn jipprovdu camera fuq siti tal-Bring in sites.

8.3 Is-Sinjura Marica Bayliss tkellmet fuq:

8.3.1 għandha ssir talba lil LESA biex ikun hemm aktar infurzar fiż-żona Vjal ir-Riħan kantuniera ma' Triq R Caruana Dingli.

8.3.2 ippreżentat tifkira mill-ACIS lill-Kunsill li saret waqt attività tagħhom, kif ukoll tifkira ta' waħda mill-parteċipant.

8.3.3 Kien hemm diskussjoni rigward it-tiżjin tal-Milied. Ikkonfermat li l-ħwienet ta Triq in-Naxxar se jerġgħu jieħdu sehem u jħallsu nofs l-ispejjeż tad-dawl tal-Milied u l-Kunsill iħallas in-nofs l-ieħor. Għandha terġa' tiżżejjen il-pjazza u kien hemm qbil li jsir dawl mas-siġra tal-milied f'Misraħ Awrekarja u Triq il-Kappella. Kien hemm ftejhim mal-kuntrattur biex tintuza l-istess kwoattzjoni. Kien hemm qbil ukoll li jerga issir il-mixela tas-sigra tal-milied u l-parata tal-milied bhas-sena l-ohra.

Is-Sinjura Joan Farrugia skużat ruħha mil-laqgħa fis-7.30pm.

8.3.4 Kien hemm qbil ukoll li tiġi mħawwla siġra tal-Milied f'Misraħ Lewża.

8.3.5 Kien hemm diskussjoni li jinxtraw pasturi kbar biex jintużaw għal barra. Dawn il-pasturi jiswew 1500 Ewro jekk jinxtraw kollha. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jinxtraw. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm 4 favur u 1 astensjoni.

## 9 Għeluq il-Laqgħa

9.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7.40pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 3 ta' Ottubru 2016 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**